A.L. 152 ta' l-2006

ATT TA' L- 2005 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TA' L-ESTIMI (ATT NRU. II TA' L- 2005)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi Għall-ħruġ ta' Lm10,000,000 5.1% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2014

(IT-TIELET ĦRUĠ)

Fungibility Issue

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-2005 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm10,000,000 5.1% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2014(III) jiġi maħruġ kif ġej:-

Mod tal-Ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

2. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim ta' l-i*Stock* isir kif hemm spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

3. (a) Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dan l-i*Stock* jiġi allokat, għandha ssir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

(b) Fis-7 ta' Jannar, 2007, wara l-pagament ta' l-ewwel mgħax, dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti 5.1% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2014(III) u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

4. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* hi ta' Lm10,000,000. L-*Accountant General* jirriżerva d-dritt li jżid is-somma li għandha tinġabar b'massimu ta' Lm9,250,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm 2.55,0 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fis-6 ta' Jannar u fis-6 ta' Lulju ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*. L-ewwel ħlas *pro rata* relattiv għall-perjodu bejn it-2 ta' Awissu, 2006 u s-6 ta' Jannar, 2007 jsir fis-6 ta' Jannar, 2007.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fis-6 ta' Lulju, 2014.